**28 ta' Frar, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Avukat Irene Bonello

*versus*

L-Onorevoli Prim Ministru *et*

**Sfilz ta' Dokument - Digriet - Appellabilità - Rispett lejn il-Qorti**

*L-artikolu 229 (j) tal-Kap. 12 jipprovdi li appelli minn digrieti dwar jekk tintlaqax jew le talba għall-isfilz ta' dokument mill-atti tal-kawża jista' jsir biss wara l-għoti ta' sentenza definittiva u flimkien ma' l-appell minn dik is-sentenza. Dan japplika aktar u aktar għal talba għall-isfilz ta' xi parti minn dokument.*

*L-istitut li jirrigwarda r-rispett li għandu jingħieb lill-Qorti (Titolu XVII tal-Kap. 12) hu ta' natura penali u huwa maħsub biex jassigura l-bwon ordni u d-dekor fil-kondotta tal-proċeduri. Hu istitut li jimponi sanzjonijiet u pieni fuq min jażżarda jonqos mir-rispett lejn l-awtorità tal-Qorti. Il-parti leża hi allura l-Qorti u mhux xi wieħed jew waħda mill-kontendenti. Ma jidhirx allura li hemm lok għall-appell tal-parti li tippretendi li ġiet offiża bil-kontenut ta' xi skrittura.*

Il-Qorti:

L-attriċi qed titlob li din il-Qorti tirrevoka d-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Marzu, 1996 u li tilqa' t-talbiet kontenuti fir-rikors tagħha ta' l-4 ta' Diċembru, 1995;

Dan hu r-rikors ta' l-attriċi ta' l-4 ta' Diċembru, 1995:

"Illi jirriżulta ampjament u b'mod ċar li l-kontenuti sħaħ tan-nota ta' eċċezzjonijiet, tad-dikjarazzjoni, tal-lista tax-xhieda, tad-Dokument "A" (bl-allegati tiegħu minn AA sa AH) u tad-Dokument C tal-konvenuti l-Onorevoli Prim Ministru, l-Onorevoli Ministru għall-Ġustizzja u l-Arti, l-Avukat Ġenerali u s-Segretarju Amministrattiv, ippreżentati u prodotti minnhom

fit-30 ta' Novembru, 1995 u ffirmati mill-konvenut l-Avukat Ġenerali huma kollha in vjolazzjoni ta' l-artikolu 994 subinċiżi (1) u (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

*Omissis*;

Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

Tiddikjara li l-konvenuti l-Onorevoli Prim Ministru, l-Onorevoli Ministru għall-Ġustizzja u l-Arti, l-Avukat Ġenerali u s-Segretarju Amministrattiv huma lkoll ħatja ta' disprezz ta' din l-Onorabbli Qorti skond l-artikolu 994 subinċiżi (1) u (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

Tapplika fir-rigward tal-konvenuti l-Onorevoli Prim Ministru, *l-Onorevoli Ministru għall-Ġustizzja u l-Arti, l-*Avukat Ġenerali u s-Segretarju Amministrattiv id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 994 subinċiż (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u

Tordna skond l-artikolu 994 subinċiż (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jiġu sfilzati mir-Reġistru tal-Qorti u mill-proċess in-nota ta' l-eċċezzjonijiet; id-dikjarazzjoni; il-lista tax-xhieda; id-dokument A (bl-allegati tiegħu minn AA sa AH) u d-dokument C tal-konvenuti l-Onorevoli Prim Ministru, l-Onorevoli Ministru għall-Ġustizzja u l-Arti, l-Avukat Ġenerali u s-Segretarju Amministrattiv u li dawn l-istess atti ġudizzjarji u dokumenti ta' dawn il-konvenuti jitqiesu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi bħallikieku qatt ma ġew ippreżentati u prodotti";

Dan hu d-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fuq dak ir-

rikors:

"Il-Qorti:-

Tipprovdi fuq ir-rikors ta' l-attriċi (fol. 68) billi, wara li rat id-digriet tagħha preċedenti tas-26 ta' Diċembru, 1995 (fol. 70) kif ukoll ir-risposti tal-konvenuti u, wara li rat l-artikolu 994 (4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, billi tinsab sodisfatta illi l-ksur ta' dak li hemm dispost fl-artikolu 994 (1) u 994 (2) ma sarx bir-rieda tal-konvenuti iżda biex huma jiddefendu ruħhom minn akkużi peżanti li huma jikkunsidraw inġusti u żbaljati u għalhekk jista' jkun hemm rimedju billi l-kliem ipprojbit jitħassru;

Tordna illi, fin-Nota ta' Eċċezzjonijiet, l-Onorevoli Prim Ministru, Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja u l-Arti, l-Avukat Ġenerali u s-Segretarju Amministrattiv, il-kliem "jew fabbrikazzjoni in malafede" fil-ħames (5) paragrafu kif ukoll il-kliem "insensata u stimat" fis-sitt (6) paragrafu u l-kliem "u insensat" fit-tmien (8) paragrafu ta' l-istess nota jiġu mħassra u tordna ukoll illi, fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' *l-istess* konvenuti, l-kelma "falsament" fis-sitt (6) paragrafu tagħha tiġi mħassra ukoll u billi, għalhekk, ma hemmx lok għall-ebda provvedimenti oħra taħt l-artikolu 994 tal-Kap. 12;

Tiċħad it-talbiet";

Dan hu appell kompletament inutili li sewa biss biex il-proċeduri jitwalu bla bżonn għal kważi sena. Hu immedjatament ovvju illi l-kontendenti ma apprezzawx il-premura ta' l-Ewwel Qorti biex tistrada l-kawża fuq il-kwistjoni tal-meritu u li tevita inċidenti żejda kjarament provokati u sostnuti mill-involviment personali sfortunat tad-*dramatis personae* li ma jiġġjovax la l-oġġettività u lanqas il-konsiderazzjoni serena u distakkata tal-

meritu;

Dan premess il-Qorti tillimita ruħha għal żewġ osservazzjoniijiet li waħedhom jinnewtralizzaw l-aggravju ta' l-appellanti:

Fir-rigward ta' l-ilment dwar iċ-ċaħda tat-talba għall-isfilz tad-dokumenti, dan hu manifestament inappellabbli f'dan l-istadju. Infatti s-subinċiż (j) ta' l-artikolu 229 tal-Kap. 12 jipprovdi li appell "minn digrieti dwar jekk tintlaqax jew le talba għall-isfilz ta' dokument mill-atti tal-kawża" jista' jsir biss wara l-għoti ta' *sentenza definittiva* u flimkien ma' l-appell minn dik is-sentenza. Il-liġi infatti tesiġi illi digriet ta' din ix-xorta ma jistax jiġi kontestat qabel ma tingħat s-sentenza definittiva. Hu ovvju illi dak li japplika għal talba għall-isfilz *ta' dokument mill-atti tal-kawża, japplika multo magis għal* talba għall-isfilz ta' xi parti minn dokument. F'dan il-kuntest lanqas hu permess lill-Qorti li tagħti permess lil parti li tappella mid-digriet tagħha dwar talba ta' din ix-xorta. Din il-konsiderazzjoni tapplika żgur fir-rigward tad-dokument A kollu u C li tagħhom l-attriċi appellanti talbet l-isfilz inkwantu dawn hi stess tikkwalifikahom bħala dokumenti;

Jihder li ġie sollevat dubbju jekk in-nota ta' eċċezzjonijiet, id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda setgħux jiġu kwalifikati bħala "dokumenti" għall-fini ta' dan is-subinċiż. Issa s-subinċiż 3 ta' l-artikolu 994 li fuqu l-attriċi appellanti bbażat ir-rikors tagħha jagħmel, infatti, distinzjoni bejn "skrittura" u "dokument", li jkun fihom kliem ipprojbit b'dak l-artikolu. F'dan is-sens, allura, in-nota ta' eċċezzjonijiet u d-dikjarazzjoni ġuramentata li takkompanjaha, kif ukoll sa ċertu punt il-lista tax-xhieda, jistgħu jikkwalifikaw bħala skrittura aktar milli bħala dokument. F'dan il-kuntest il-Qorti għandha l-poter fl-artikolu 159 (2) li tordna li ħwejjeġ żejda jiġu mħassra

min-nota ta' eċċezzjonijiet jew li l-iskrittura tiġi mneħħija b'oħra flokha. L-attriċi appellanti però, kif ingħad, mhix qed taġixxi in forza ta' dan l-artikolu, imma in forza tas-subinċiż (3) ta' l-artikolu 994 tal-Kap. 12. It-talbiet tagħha fir-rikors ta' l-4 ta' Diċembru, 1995 huma mpernjati fuq dan is-subinċiż u huma konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni li l-intimati kienu ħatja ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti fit-termini ta' dan l-artikolu.

Issa din il-Qorti ma tarax kif jista' jissussisti appell meta l-istitut li jirrigwarda r-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti (Titolu XVII tal-Kap. 12) hu ta' natura penali u huwa maħsub biex jassigura l-bwon ordni u d-dekor fil-kondotta tal-proċeduri. Hu istitut li jimponi sanzjonijiet u pieni fuq min jażżarda jonqos minn rispett lejn l-awtorità tal-Qorti. Il-parti leża hi allura l-Qorti u mhux xi wieħed jew waħda mill-kontendenti. Ma jidhirx allura li hemm lok għal appell tal-parti li tippretendi li ġiet offiża bil-kontenut ta' xi skrittura. Infatti huwa rilevanti s-subinċiż (4) ta' l-artikolu 1003 li jiddisponi li "is-sentenza mogħtija taħt dan it-titolu ma jagħmlux parti mill-atti tal-kawża li matul is-smigħ tagħha dik is-sentenza tkun ġiet mogħtija". U mhux mis-sentenzi kollha ta' disprezz hemm appell. Ma hemmx appell f'dawk il-każijiet ta' sentenzi fejn persuna tinstab ħatja ta' disprezz *in faciem curiae* u dana fit-termini ta' l-artikoli 990 jew 991 ta' l-istess Kap. 12. "Fil-każijiet l-oħra kollha hemm appell minn sentenzi quddiem din il-Qorti b'rikors fi żmien jumejn" (artikolu 103 (1) (2)). Dan japplika allura għad-deċiżjoni mogħtija fit-termini tas-subinċiż 3 ta' l-artikolu 994. Imma anke f'dan il-każ, is-sanzjoni hi waħda ta' indole penali. Tant hu hekk li l-parti li toffendi bl-iskrittura li jkun fiha kliem projbit, tista' jkollha bħala sanzjoni dik l-iskrittura sfilzata mir-Reġistratur tal-Qorti jew mill-proċess u "l-iskrittura jew id-dokumenti jitqiesu għall-finijiet kollha bħallikieku qatt ma ġew ippreżentati jew prodotti". Hu biss il-kontraventur li għandu interess allura li jappella minn tali deċiżjonijiet, għax ikun hu li jinstab ħati mill-Qorti talli ddisturba l-bwon ordni u d-dekor fil-

proċediment ġudizzjarju. U jekk - kif ġara fil-każ taħt eżami - il-Qorti sabet li l-aġir tal-parti ma kienx ta' gravità tali li jirrikjedi xi sanzjoni, oltra l-kanċellament ta' xi kliem għax l-aġir ikun ġustifikat fit-termini tas-subinċiż (4) ta' l-istess artikolu, bl-ebda mod ma kien dan ser jippreġudika lill-parti l-oħra li kellha r-rimedji li tagħtiha l-liġi li tattira l-attenzjoni tal-Qorti għall-irregolarità li offendietha. Jispetta mbagħad lill-Qorti u lill-Qorti biss li fil-ġudizzju tagħha tirregola l-proċeduri u tassigura li dawn ikunu kondotti bil-galbu u bir-rispett dovut. Hi l-Qorti l-aħħar arbitru f'din il-materja ta' dixxiplina għax imiss lill-Imħallfin u lill-Maġistrati rispettivament li jġiegħlu li tinżamm il-bwon ordni u d-dekor fil-Qrati u fil-proċeduri quddiemhom u mhux lill-partijiet. Mhux allura konsentit lill-partijiet li jikkontestaw il-mod kif tagħżel li taġixxi l-Qorti u din hi materja li taqa' esklussivament fid-diskrezzjoni ta' dik il-Qorti li tkun qed tikkonduċi l-proċeduri. Diskrezzjoni li ma tirriżultax li hi sindakabbli ħlief għal dawk il-każijiet fejn hu konsentit appell lill-kontraventur kontra s-sanzjoni jew piena fuqu inflitta u li tista' ukoll tieħu l-forma ta' ordni għall-isfilz ta' att jew ta' dokument. Diskrezzjoni li fil-każ in eżami din il-Qorti anke jekk tifhem li hu ġust li tgħid li taqbel perfettament mal-mod kif ġiet eżerċitata mill-Ewwel Qorti ma tistax tiġi disturbata fuq talba ta' l-attriċi kemm għax hi mhijiex l-allegat kontravventur kif ukoll għaliex f'kull każ l-appell hu wieħed fondat fuq il-provvedimenti tas-subinċiż (4) ta' l-artikolu 994 li minnu se mai huma l-konvenuti appellati biss li setgħu jinterponu appell. L-appell ta' l-appellanti fir-rigward ta' dan l-aggravju hu għalhekk irritu u null għax tali rimedju ma kienx bil-liġi jispetta lilha;

*Omissis*;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell ta' l-attriċi appellanti u tikkonferma d-digrieti tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Marzu, 1996 u tas-27 ta' Marzu, 1996;

*Omissis*;

L-ispejjeż kollha jithallsu mill-attriċi appellanti.